

Qafas għar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro

Ir-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro tal-Bank Ċentrali Ewropew (magħrufin ukoll bħala r-rati ta' referenza tal-BĊE), il-BĊE fil-kapaċità tiegħu ta' amministratur u l-parteċipanti l-oħra bħala aġenti tal-kalkolu tar-rati mhumiex suġġetti għall-prinċipji dwar *benchmarks* finanzjarji tal-IOSCO li ħarġu f'Lulju 2013.

Il-parteċipanti għalhekk fasslu l-qafas mhux vinkolanti ta' hawn taħt għar-rati ta' referenza tal-BĊE għax jifhmu li t-trasparenza fil-governanza u l-metodoloġija tal-issettjar huma fl-interess pubbliku u jsaħħu l-kredibbiltà tar-rati ta' referenza rilevanti.

Fil-kuntest tar-rati ta' referenza tal-BĊE, it-terminu "rata ta' referenza" għandu jfisser rata tal-kambju li mhijiex maħsuba biex tintuża fi tranżazzjonijiet tas-suq, la direttament u lanqas indirettament (bħala *benchmark* ta' bażi). Ir-rati huma maħsuba biss għal finijiet ta' tagħrif.

1 Governanza tar-rati ta' referenza tal-BĊE

Il-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali huwa responsabbli biex jistabbilixxi linji gwida għar-rati ta' referenza tal-BĊE u għandu l-għan li jiżgura metodoloġija robusta u livell xieraq ta' trasparenza kif ukoll li jelimina kunflitti ta' interess. B'mod partikolari, xogħlu huwa li:

- jagħmel analiżi minn żmien għal żmien tad-definizzjoni, l-ambitu, l-iskop, il-kuntest u l-użu maħsub, mistenni jew magħruf tar-rati ta' referenza tal-BĊE;
- jagħmel analiżi minn żmien għal żmien tal-metodoloġija li tintuża mill-BĊE biex jissettja r-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro (il-"metodoloġija");
- jiddeċiedi jekk it-tibdil propost fil-metodoloġija jkunx rilevanti, inkluż li jevalwa jekk il-metodoloġija tkomplex tkejjel b'mod xieraq is-suq ta' bażi u jissorvelja kull tibdil;
- jissorvelja l-adeżjoni tal-BĊE għall-metodoloġija u janalizza l-eċċezzjonijiet u r-raġunijiet ta' bażi għal dawk l-eċċezzjonijiet;
- jissorvelja l-pubblikazzjoni tar-rati ta' referenza tal-BĊE, kif ukoll janalizza l-eċċezzjonijiet u r-raġunijiet ta' bażi għal dawk l-eċċezzjonijiet;
- jeżamina u japprova l-proċeduri għat-terminazzjoni jew l-introduzzjoni ta' rati tal-kambju ta' referenza tal-euro u kull komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar terminazzjonijiet jew introduzzjonijiet bħal dawn.

2 Metodoloġija għall-issettjar tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro

Ir-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro jiġu stabbiliti mill-BĊE kuljum fis-14:15 CET f' telekonferenza bejn l-amministratur u l-aġenti tal-kalkolu, u jiġu ppubblikati mill-BĊE fil-websajt tiegħu u permezz ta' aġenziji tal-aħbarijiet magħżula għall-ħabta tal-16:00 CET.

Normalment jeżisti suq attiv għal kull par muniti rappreżentat mir-rati ta' referenza tal-BĊE. Madankollu, il-likwidità tas-suq tista' tvarja ferm bejn munita ewlenija likwida u munita eżotika x'aktarx illikwida, kif ukoll f'ħinijiet differenti tal-ġurnata. Il-likwidità tas-suq titkejjel permezz tal-fatturat tas-suq spot, li jiġi kkalkulat mill-BIS fl-istħarriġ tiegħu ta' kull tliet snin, kif ukoll permezz ta' rapporti oħra tal-istatistika b'kopertura simili.

2.1 Sorsi tad-dejta

Il-BĊE jagħmel analiżi minn żmien għal żmien ta' kemm tkun xierqa dejta speċifika li tintuża fl-issettjar u l-validazzjoni tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro. Din l-analiżi hija maħsuba, fost affarijiet oħra, biex (i) tgħin f'ħalli r-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro jkunu bbażati fuq dejta tas-suq affidabbli u osservabbli li tirrifletti r-realtà ekonomika ta' suq partikolari, u (ii) tiżgura li r-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro nnifishom ikunu jirrappreżentaw b'mod affidabbli s-suq tal-kambju.

M'hemm ebda proċess ta' solleċitazzjoni biex tinkiseb dejta ta' bażi, la permezz ta' xi *panel* u lanqas permezz ta' s'ħarriġ fil-proċedura tal-issettjar tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro. Il-BĊE juża dejta mit-tranżazzjonijiet bejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa f'dak is-suq fejn id-dejta tkun disponibbli u tirrifletti likwidità suffiċjenti. F'suq fejn il-likwidità tkun iżjed baxxa, ir-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro jistgħu jkunu bbażati b'mod predominanti jew esklużivament fuq ir-rati tal-prezz tax-xiri u l-offerta, jew fuq tranżazzjonijiet preċedenti. Il-grad ta' likwidità jiġi evalwat permezz ta' ġudizzju kompetenti.

2.2 Validazzjoni tad-dejta

Ir-rati kollha miġbura huma suġġetti għal kontrolli ta' tolleranza bil-ħsieb li jiġu stabbiliti r-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro li jirriflettu s-suq ta' bażi f'ħin partikolari. Il-BĊE, megħjun minn aġenti tal-kalkolu, iwettaq kontrolli ta' tolleranza fil-ħin li fih toriġina d-dejta. Dan jista' jwassal biex xi dejta miġbura tiġi eskluża mill-kalkolu tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro. It-tolleranzi sistematiki għal muniti speċifiċi jiġu eżaminati kull sena mill-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq. Abbażi ta' dan ir-rieżami, il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jagħmel xi tibdil fil-proċess sabiex jiġu riflessi l-kundizzjonijiet ta' bażi tas-suq.

Konsistenza ta' sorsi tad-dejta diversi: Il-parteciċipanti għandhom jivverifikaw li sorsi tad-dejta differenti jipprovdu informazzjoni konsistenti.

Adegwatezza tal-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq: Il-parteċipanti għandhom jivverifikaw li r-rata tal-kambju li jipprovdu tkun fil-firxa bejn ix-xiri u l-offerta prevalenti fil-ħin tal-konċertazzjoni. Għandhom jivverifikaw ukoll li l-frekwenza tad-dejta tkun għolja biżżejjed biex tkun tista' tiġi evalwata r-rata tal-kambju prevalenti fis-suq. Jekk l-aħħar kwotazzjoni disponibbli tkun għiet aktar minn 30 sekonda qabel għal par muniti partikolari, din m'għandhiex titqies li tkun għiet innegożjata b'mod attiv sakemm ir-rata tal-kambju ma turix volatilità limitata.

Konsistenza bejn rati tal-kambju diretti u rati kkalkulati mad-dollaru

Amerikan: Għal muniti li ġeneralment juru attività ta' negozju ikbar mad-dollaru Amerikan, ir-rata tal-kambju diretta tal-euro għandha titqabbel mar-rata kkalkulata mad-dollaru Amerikan. Jekk id-differenza tkun sinifikanti, għandha tintuża r-rata kkalkulata mad-dollaru Amerikan. Din għandha tkun is-sitwazzjoni ta' bażi fil-każ tal-muniti li jiġu nnegożjati fis-sigħat tas-suq li ma jikkoinċidux mal-ħin tal-konċertazzjoni.

Il-prinċipju tal-erba' għajnejn għandu jiġi applikat għal kull pass. Dan jiġi żgurat billi bosta banek ċentrali jipparteċipaw fl-issettjar tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro. Meta jinstabu xi inkonsistenzi, l-esperti li jsibuhom għandhom jagħtu spjegazzjoni fil-qosor u jissuġġerixxu rata alternattiva.

2.3 Ġudizzju kompetenti

Il-BĊE jeżerċita diskrezzjoni fir-rigward tal-użu ta' dejta biex jistabbilixxi rata tal-kambju ta' referenza tal-euro. L-issettjar tar-rati jinkludi proċess ta' validazzjoni li bih, fost passi oħra, esperti tal-BĊE u aġenti tal-kalkolu janalizzaw id-dejta u r-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro proposti skont ċerti kontrolli ta' tolleranza stabbiliti minn qabel. Meta jiġu applikati dawn il-kontrolli ta' tolleranza, tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex tintuża jew titwarrab ċerta dejta għad-determinazzjoni tar-rati. Abbażi tal-esperjenza tal-BĊE fl-interpretazzjoni ta' dejta tas-swieq, l-esperti tal-BĊE jużaw il-ġudizzju tagħhom meta jkun meħtieġ sabiex jiżguraw il-kwalità u l-integrità tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro. B'mod partikolari, l-esperti tal-BĊE jistgħu joqogħdu fuq il-ġudizzju tagħhom stess aktar sikwit f'suq li jkun attiv, għalkemm b'likwidità baxxa, fejn id-dejta dwar it-tranżazzjonijiet tista' ma tkunx disponibbli b'mod konsistenti. Il-BĊE għandu linji gwida interni u proċeduri għall-kontroll tal-kwalità stabbiliti li jirregolaw l-applikazzjoni tal-ġudizzju tal-esperti u huma maħsuba biex jipprovdu konsistenza u sorveljanza għal dan il-proċess. L-esperti jitħarrġu f'kif għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida u proċeduri.

2.4 Kopertura

Il-BĊE jippubblika r-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro għall-muniti uffiċjali kollha tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li mhumiex fiż-żona tal-euro. Aktar minn hekk, jiġu ssettjati u ppubblikati r-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro fil-konfront tal-muniti mas-swieq tal-kambju spot l-aktar attivi u likwidi. Il-BĊE jista', b'konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq, jinkludi kwalunkwe munita dinjija oħra.

2.5 Metodu tal-issettjar u sorsi tad-dejta

Ir-rati ta' referenza tal-BĊE għal dawn il-31 munita (USD, JPY, AUD, NZD, ZAR, PLN, CZK, RON, BGN, TRY, HUF, RUB, HRK, ILS, CAD, BRL, KRW, IDR, PHP, SGD, HKD, CNY, MYR, THB, INR, NOK, DKK, SEK, CHF, GBP u MXN) jiġu stabbiliti u vvalidati abbażi tal-ordni tat-tranżazzjonijiet (kwotazzjonijiet irrevokabbli) u – fejn ikunu disponibbli – tar-rati tan-negozju (*trade rates*) li joriġinaw mill-pjattaformi elettroniċi ewlenin tan-negozju. Barra minn hekk, jistgħu jintużaw sorsi tad-dejta oħrajn fil-każ li jkun hemm il-ħtieġa li tiġi kkonfermata u żgurata l-korrettezza ta' xi rati. L-għan ewlieni huwa li jiġu ssettjati r-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro għal kull waħda minn dawn il-muniti abbażi tar-rati tal-kambju nnegozjati direttament kontra l-euro. Jekk dan ma jkunx possibbli, ir-rati jiġu stabbiliti bl-użu ta' rati tan-negozju kontra munita likwida ewlenija, jew rati tal-ordni (kwotazzjonijiet irrevokabbli) kontra l-euro jew muniti likwidi ewlenin oħra. Jekk ir-rata tal-kambju kontra munita likwida ewlenija tkun l-uniku sors disponibbli, ir-rata tal-kambju ta' referenza ta' dik il-munita fil-konfront tal-euro tintuża biex tiġi kkalkulata r-rata tal-kambju kontra l-euro (*euro cross rate*).

Id-dejta tas-suq li tinġabar u tiġi ssettjata hija suġġetta għal kontrolli ta' tolleranza sistematiċi għal muniti speċifiċi, li jidentifikaw dejta inkonsistenti. Issir validazzjoni fuq id-dejta inkonsistenti mill-esperti tal-BĊE, li jfittxu konferma minn sorsi oħra ta' tagħrif jew joqogħdu fuq il-ġudizzju tagħhom stess biex jistabbilixxu l-livell tas-suq.

Fil-każ ta' muniti li għalihom ir-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro jiġu stabbiliti abbażi ta' kwotazzjonijiet, ir-rati jiġu ssettjati mal-valur medju (medja aritmetika) bejn il-kwotazzjonijiet xiri/offerta osservati.

2.6 Pubblikazzjoni tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro fil-btajjel pubbliċi

Bħala prinċipju, ir-rati ta' referenza tal-BĊE jiġu stabbiliti u ppubblikati fil-ġranet kollha meta t-TARGET2 tkun qiegħda topera.

3 Tibdil fil-metodoloġija tal-issettjar tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro

Il-metodoloġija tiġi eżaminata minn żmien għal żmien mill-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq. Il-proċess biex isir tibdil fil-metodoloġija huwa dan:

■ Kwalunkwe membru tal-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq jista' jipproponi tibdil fil-metodoloġija.

■ Esperti tal-BĊE josservaw kontinwament is-swieq tal-muniti, jiġbru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar ir-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro, jevalwaw il-ħtieġa ta' tibdil fil-metodoloġija u jfittxu tagħrif ieħor qabel ma jissottomettu t-tibdil lill-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq.

Il-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq jeżamina u jiddeċiedi dwar it-tibdil kollu fil-metodoloġija li jkun għe propost, filwaqt li jqis l-evalwazzjoni tal-esperti tal-BĊE.

Meta l-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq jevalwa li għandu jsir tibdil rilevanti, iressaq dan it-tibdil quddiem il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Il-BĊE jinnotifika lill-pubbliku bit-tibdil rilevanti li jkun previst għall-metodoloġija, flimkien mar-raġunament għat-tibdil u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ fejn ikun jixraq. Il-BĊE jippubblika wkoll verżjoni riveduta tad-dokument tal-metodoloġija fil-websajt tiegħu.

4 Terminazzjoni ta' rata tal-kambju ta' referenza tal-euro

Jista' jkun meħtieġ li jiġu tterminati l-issettjar u l-pubblikazzjoni ta' rata tal-kambju ta' referenza tal-euro. Dan jista' jseħħ minħabba fatturi esterni 'l barra mill-kontroll tal-BĊE, bħal bidla fl-istruttura ta' suq jew deterjorament fil-kwalità tad-dejta disponibbli. Fejn ikun prattiku, filwaqt li jitqiesu l-limitazzjonijiet tal-ħin, kwalunkwe terminazzjoni potenzjali tiġi diskussa mill-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq u approvata mill-BĊE. Il-BĊE jinvestiga jekk tkunx disponibbli xi alternattiva kredibbli li tkompli tirrappreżenta l-kundizzjonijiet ta' bażi tas-suq. Jekk tiġi identifikata alternattiva kredibbli, il-BĊE jevalwa l-vijabbiltà tagħha. Jekk it-terminazzjoni ta' rata tal-kambju ta' referenza tal-euro ma tkunx tista' tiġi evitata, il-BĊE jgħarrarf lill-pubbliku kif jixraq.

Il-proċess relatat mat-terminazzjoni potenzjali ta' rata ta' referenza tal-BĊE huwa dan:

1. Jiġu analizzati ċ-ċirkostanzi u jitqies jekk ikunx hemm alternattiva vijabbli għat-terminazzjoni ta' rata ta' referenza tal-BĊE.
2. Fejn ikun prattiku, issir konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u titqies kwalunkwe reazzjoni li tista' tiffaċilita soluzzjoni vijabbli.
3. Fejn ikun prattiku, il-pubbliku jiġi nnotifikat bit-terminazzjoni ta' rata tal-kambju ta' referenza tal-euro.
4. Tieqaf il-pubblikazzjoni tar-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro partikolari.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-BĊE jkompli jeżamina s-suq u d-disponibbiltà ta' dejta minn żmien għal żmien sabiex jistabbilixxi fid-diskrezzjoni tiegħu jekk jerġax idaħħal ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro partikolari.

Il-BĊE jista' jkollu l-ħtieġa li jwaqqaf b'urġenza rata tal-kambju ta' referenza tal-euro sabiex iħares l-integrità u l-eżattezza tar-rati. F'dawn iċ-ċirkostanzi, id-deċiżjoni jekk għandhiex tiġi sospiża rata tal-kambju ta' referenza tal-euro ssir mill-BĊE u tiġi eżaminata mill-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq wara l-implimentazzjoni.

Il-BĊE jqis bħala pożittiv li l-kuntratti kollha li jutilizzaw rata tal-kambju ta' referenza tal-euro jinkludu provvedimenti robusti ta' kontinġenza fil-każ ta' tibdil rilevanti jew terminazzjoni tar-rata utilizzata.

5 Proċedura għal reazzjoni min-naħa tal-pubbliku

Il-BĊE għandu l-għan li jiżgura li r-rati tal-kambju ppubblikati jkunu jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti fis-14:15 CET.

Ir-reazzjoni tal-pubbliku hija kull espressjoni ta' nuqqas ta' sodisfazzjon minn xi entità għall-pubblikazzjoni, jew in-nuqqas ta' publikazzjoni, tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro, jew talba għal verifika u konferma tal-eżattezza ta' rata li tkun ġiet ippubblikata. Il-BĊE jqis kwalunkwe reazzjoni tal-pubbliku bis-serjetà u huwa impenjat li jwieġeb b'mod xieraq u konsistenti. Kull deċiżjoni dwar sfarriġ ta' reazzjoni tal-pubbliku, jew ir-riżultat ta' sfarriġ bħal dan, b'ebda mod ma tfisser li l-BĊE jkollu xi fehma partikolari fir-rigward tal-eżattezza tar-rati li jiġu ppubblikati.

Talbiet biex jiġu inklużi rati tal-kambju ġodda fil-lista tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro, jew biex jiġu inklużi rati li jkunu ġew sospiżi, ma jitqisux bħala reazzjoni min-naħa tal-pubbliku u għalhekk jiġu miċħuda bla ma jsir aktar sfarriġ.

Il-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq jista' jevalwa r-reazzjoni tal-pubbliku deskritta hawn fuq. Dan id-dritt jista' jiġi ddelegat lill-President tal-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq, li min-naħa tiegħu jista' jiddelegah lill-esperti tal-BĊE fid-diskrezzjoni tiegħu.

Jekk ikun meħtieġ, il-BĊE jfittex li jikkollabora mal-banek ċentrali nazzjonali rilevanti biex isib soluzzjoni għal kwistjonijiet li jistgħu jqumu. Fil-każ ta' reazzjoni min-naħa tal-pubbliku li tkun ġiet sottomessa lil parteċipanti oħra, dawn il-mistoqsijiet jintbagħtu minnufih lill-BĊE.

Il-BĊE jirreġistra r-reazzjonijiet kollha min-naħa tal-pubbliku, fosthom dawk li jkun ġie infurmat bihom minn parteċipanti oħra, u jżomm id-dokumentazzjoni tagħhom għal mill-inqas ħames snin.

6 Ripubblikazzjoni tar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro

F'ċerti ċirkostanzi, il-BĊE jista' jkun jeħtieġlu jemenda u/jew jippubblika mill-ġdid rata tal-kambju ta' referenza tal-euro wara li tkun ġiet ippubblikata.

lċ-ċirkostanzi ewlenin li x'aktarx iwasslu lill-BĊE biex janalizza jekk rata tkunx teħtieġ tiġi emendata jew ippubblikata mill-ġdid huma r-riżultat (i) tal-proċess intern tal-BĊE stess jew (ii) tal-proċedura ta' reazzjoni min-naħa tal-pubbliku.

Il-proċess relatat mar-rippubblikazzjoni potenzjali ta' rata tal-kambju ta' referenza tal-euro huwa dan:

- L-esperti tal-BĊE janalizzaw u jinvestigaw jekk emenda jew ripubblikazzjoni li jkunu ġew proposti fi proċedura ta' reazzjoni min-naħa tal-pubbliku jew mod ieħor ikunux tassew xierqa.
- Id-Direttur Ġenerali tal-Operazzjonijiet tas-Suq tal-BĊE jistabbilixxi fid-diskrezzjoni unika tiegħu jekk emenda jew ripubblikazzjoni jkunux xierqa fiċ-ċirkostanzi. Jekk ikunu xierqa, il-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq jeżamina l-emenda jew ir-ripubblikazzjoni wara l-implimentazzjoni.
- Il-BĊE jista' jkun jeħtieġu jemenda jew jippubblica mill-ġdid b'urġenza rata tal-kambju ta' referenza tal-euro. Id-deċiżjoni jekk jagħmilx dan tittieħed mill-BĊE. Dawn id-deċiżjonijiet jiġu eżaminati mill-Kumitat għall-Operazzjonijiet tas-Suq wara l-implimentazzjoni.
- Fejn ikun prattiku, il-BĊE jinnotifika lill-pubbliku li jkun qiegħed jiġi investigat żball potenzjali f'rata tal-kambju ta' referenza tal-euro. Dan mhux dejjem ikun fattibbli jekk l-iżball jiġi kkonfermat fi żmien qasir.
- Jekk jinħass li jkun xieraq, ir-rata rilevanti tiġi pubblikata mill-ġdid u l-pubbliku jiġi nnotifikat bir-ripubblikazzjoni u tingħatalu spjegazzjoni fil-qosor.

Taħt ebda ċirkostanza l-BĊE ma jemenda jew jippubblica mill-ġdid rata tal-kambju ta' referenza tal-euro wara l-pubblikazzjoni tar-rata għall-istess munita fil-ġurnata tan-negozju ta' wara. Ġurnata tan-negozju hija ddefinita bħala ġurnata meta s-sistema TARGET2 tkun qiegħda topera.

Id-dokumentazzjoni li jkollha x'taqsam ma' emendi jew mar-ripubblikazzjoni ta' rata tal-kambju ta' referenza tal-euro tinżamm għal mill-inqas ħames snin.